**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12/2025 (laqgħa b'urġenza)

**L-Erbgħa 15 ta' Ottubru, 2025**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-17:30.

**PREŻENTI:**

Av. Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul Grech – Viċi Sindku

Therise Abela – Kunsillier

Carmel Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 12.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

12.01.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kienet waslet ebda talba t'apoloġija u l-membri kollha kienu preżenti.

## 12.02 PA 3218/25.

12.02.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għal-PA 3218/25 li ser jiġi diskuss l-għada mill-PA. Wara l-kummeni li għamel fejn irrimarka li l-Kunsill kien u għadu jemmen fil-proġett inkluż il-pass li ħa l-Kunsill, fejn qal li ħass li kien l-unika azzjoni, fiċ-ċirkostanzi, li seta jieħu l-Kunsill biex ir-residenti jiġu ikkumpensata għall-inkonvenjent ġġenerat mill-proġett, għalkemm irrimarka wkoll li l-Kunsill għandu element importanti, ċioe li jirrappreżenta lir-residenti tiegħu, responsabbiltà'importanti vis-a-vis ir-residenti fejn wrew l-oġġezzjoni tagħhom, u għalhekk il-Kunsill għandu jirrispetta dak li sema. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-vot tal-Kunsill quddiem il-PA għandu jkun kontra l-proġett.

12.02.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.02.4 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li dan il-punt m'għandux ifisser li l-Kunsill Lokali se jieqaf hemm, iżda huwa l-obbligu tal-Kunsill li dak l-investiment, allavorja l-Kunsill ser ikun qed jivvota kontra l-estensjoni tal-iżvilupp kif propost, il-Kunsill ser jagħmel minn kollox biex l-investiment li kien ġie maqbul ma' l-investitur, għandu jibqa' jaħdem għalih u jinġieb lura b'risq il-komunità.

## 12.03 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.03.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għalaq il-laqgħa fil-18:50 wara li fakkar lill-membri li kien hemm qbil li l-laqgħa hija aġġornata għal nhar l-Erbgħa 29 ta' Ottubru 2025 fil-5:30pm.

**Konfermati, illum 29 ta' Ottubru, 2025**

**IFFIRMAT**

Av. Kaylon Zammit
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)
**Segretarju Eżekuttiv**